



Il-volontarjat minn persuni anzjani fl-UE

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

F'din is-Sena Ewropea għall-Volontarjat, dan ir-rapport jitratta t-tema relattivament ittraskurata tal-volontarjat minn persuni anzjani fl-Ewropa. Filwaqt li huwa komuni li wieħed jgħodd l-anzjani b'benefiċjarji tal-isforzi volontarji, il-kontribut tagħhom ta' voluntiera ma jirċevix daqstant attenzjoni.

Din ir-riċerka tinkludi 30 studju ta' każi dwar il-volontarjat minn persuni anzjani minn 11-il Stat Membru tal-UE: id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u r-Renju Unit. Ir-riċerka tiffoka fuq dawk l-inizjattivi li primarjament joperaw fuq livell lokali u li jirnexxielhom jinvolvu persuni anzjani, b'mod partikolari lil dawk li jkunu f'riskju ogħla ta' esklużjoni soċjali, bħala voluntiera. Mir-riċerka u l-prattika huwa evidenti li l-volontarjat fix-xjuħija jista' jkun għodda li tmexxi 'l quddiem l-inklużjoni soċjali tal-popolazzjoni anzjana u li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja għall-ġenerazzjonijiet kollha.

Kuntest tal-politika

M'hemmx dubju li l-popolazzjoni ta' wara l-età tal-irtirar hija kbira u li qiegħda tiżdied, iżda m'hemmx dubju lanqas li hija wkoll diversa, b'riżorsi ekonomiċi, ta' saħħa u soċjali differenti. Dawn il-kundizzjonijiet u esperjenzi differenti jinfluwenzaw l-opportunitajiet u l-preferenzi għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet volontarji. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għar-rati aktar baxxi tal-volontarjat hija l-kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien ta' ċerti gruppi ta' nies, li spiss ikollhom ilaħħqu mhux biss ma' dħul baxx iżda wkoll ma' diżabilitajiet fiżiċi. Għalhekk huwa importanti li jissaħħu l-istrategġiji politiċi usa' bħas-saħħa nazzjonali u l-politiki ta' dħul li għandhom fil-mira t-titjib ġenerali tal-kundizzjonijiet ta' għajxien ta' persuni anzjani. It-tfassil ta' programmi speċifiċi għall-involvement ta' persuni anzjani bħala voluntiera huma rari. Barra dan, l-organizzazzjonijiet mill-istudju tal-każi ivarjaw fl-importanza li jagħtu lis-suġġett tal-inklużjoni soċjali permezz tal-volontarjat.

Sejbiet ewlenin

L-istudji tal-każi juru alternattivi varji għall-involvement ta' persuni anzjani fil-volontarjat. Prekundizzjoni kruċjali hija li, madankollu, il-potenzjal rieqed tagħhom għall-volontarjat għandu jiġi rikonoxxut u appoġġat. Dan japplika għall-politika u għal-livelli prattiċi. Hemm firxa impressjonanti ta' attivitajiet volontarji minn persuni anzjani li jmorru ferm lil hinn mis-suġġetti tradizzjonali relatati mal-età bħall-appoġġ lill-persuni anzjani li huma debboli jew morda. Bosta miżuri neċessarji biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni soċjali u kulturali tal-gruppi fil-popolazzjoni li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali huma enfasizzati. Ir-riċerka turi wkoll l-impatti fuq ir-relazzjonijiet intraġenerazzjonali kif ukoll fuq is-solidarjetà intraġenerazzjonali fil-komunità.

Ir-reklutaġġ ta' persuni anzjani bħala voluntiera (u fosthom dawk f'riskju ta' esklużjoni soċjali) ħafna drabi jeħtieġ xi fitt tal-isforz. Madankollu, ġew identifikati bosta fatturi li jiffaċilitaw l-involvement tagħhom: minbarra l-iffinanzjar affidabbli, l-istrategġiji tar-reklutaġġ u taż-żamma li huma mfasla għal dan il-grupp huma importanti. Madankollu l-inklużjoni soċjali ta' persuni anzjani permezz tal-volontarjat saret sfida ġdida. Għad hemm nuqqas ġenerali ta' għarfien politiku dwar il-potenzjal ta' persuni anzjani.

Fir-rigward tar-reklutaġġ u taż-żamma ta' persuni anzjani għall-volontarjat, jidher li l-elementi li ġejjin jagħtu kontribut favur is-suċċess (ħafna drabi f'kombinazzjoni ma' xulxin):

- Approċċi komprensivi mill-midja, ta' komunikazzjoni u ta' ħolqien ta' għarfien, huma l-metodu 'klassiċi' li jinvolvu lill-voluntiera li jkunu akbar fl-età. Barra dan, huwa utli li jitravmu u jinżammu relazzjonijiet ma' gruppi speċifiċi bħal komunitajiet reliġjużi u etniċi kif ukoll maċ-ċentri fil-komunità.

- Proporzjon żgħir ta' inizjattivi m'għandhomx l-għan dirett li jħeġġu lill-persuni anzjani jagħmlu volontarjat; minflok l-involvement tagħhom huwa 'effett sekondarju'. Fil-fatt l-għan ta' ċerti miżuri huwa l-promozzjoni ġenerali ta' xjuħija attiva u awto-determinanti. Huma jistiednu lill-anzjani minn strati soċjali differenti biex jaħsbu u jikkellmu dwar l-aspettattivi tagħhom dwar l-aspetti differenti tax-xjuħija u biex jagħtu appoġġ lil xulxin.
- Biex jintlaħqu dawk il-persuni anzjani li għadhom mhumiex involuti, 'gwardjan' jista' jkun ta' għajjnuna. Ġeneralment, gwardjan, sa ċertu punt, diġà jipparteċipa u għalhekk jimla l-vojt bejn l-inizjattiva u l-voluntiera potenzjali, pereżempju billi jistieden lill-membri tal-familja, lill-ħbieb u lill-ġirien biex jinvolvu ruħhom.
- Korsijiet preparatorji jistgħu jmexxu 'l quddiem ir-rikonoxximent u l-għarfien tal-kompetenzi billi jgħinu lill-anzjani jgħożżu l-esperjenzi tal-ħajja u l-kapaċitajiet tagħhom bħala riżorsi għall-volontarjat. Korsijiet bħal dawn jistgħu jappoġġjaw ukoll l-orjentazzjoni mill-ġdid wara avveniment kritiku fil-ħajja.
- Prekundizzjoni importanti biex wieħed igawdi x-xogħol volontarju hija li l-voluntiera jwettqu biss dawk ix-xogħlijiet li jkunu kapaċi jagħmlu. Ħafna inizjattivi jippruvaw jiżguraw dan billi jevalwaw il-kapaċitajiet tal-voluntiera u joffru korsijiet speċjali ta' taħriġ.
- L-istima u r-rikonoxximent huma estremament importanti għaż-żamma tal-voluntiera. L-għoti ta' kumpens lill-voluntiera u lill-organizzazzjonijiet volontarji jista' jkun mod effikaċi kif wieħed juri l-apprezzament.
- Jekk l-organizzazzjoni toffri l-flessibilità lill-voluntiera, huma japprezzaw li jistgħu jiddeċiedu l-limitu tal-impenn tagħhom. Dan japplika, pereżempju, għall-frekwenza u d-dewmien tal-parteċipazzjoni fix-xogħol volontarju, li jista' jkun importanti għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' voluntiera li huma akbar fl-età.
- Biex il-voluntiera jinżammu, l-għoti ta' assigurazzjoni kif ukoll ta' benefiċċji għall-ispejjeż jista' jkollhom rwol kruċjali.

Jistgħu jintwerew ħafna mill-effetti pożittivi tal-volontarjat fuq il-persuni anzjani – pereżempju, titjib fil-benessri suġġettiv u tisħiħ fl-awto-stima. Dawn l-effetti jistgħu jiġu spjegati permezz tas-sodisfazzjoni li ta' spiss huwa rapportat meta wieħed ikun jista'

jieħu sehem f'attivitajiet sinifikanti u ta' sodisfazzjoni lill hinn mix-xogħol bi ħlas u mill-obbligi tal-familja. Minkejja s-sitwazzjonijiet individwali, il-problemi u r-riskji tagħhom, il-voluntiera anzjani jirnexxielhom jixjieħu b'mod attiv.

Indikazzjonijiet tal-politika

L-ingaġġ volontarju fix-xjuħija ma jiħux post il-provvista permezz ta' attivitajiet formali, soċjali, kulturali u servizzi organizzati oħra. Pjuttost l-oppost; l-istudji ta' każi juru l-effetti pożittivi u kumplimentari tal-ingaġġ volontarju li huma magħrufin minn studji oħra. L-appoġġ professjonali minn persunal b'salarju jista' jitqies ukoll bħala wieħed mill-aktar fatturi influwenti importanti għall-effikaċja u s-sostenibbiltà .

Sa llum, is-sħab soċjali jidher relattivament passivi fl-appoġġ tagħhom lejn l-ingaġġ volontarju. Hemm xi ftit eżempji ta' politiki u pjanar għall-irtirar minn kumpaniji li jinkludu l-preparazzjoni għall-volontarjat wara l-impjieġ. Madankollu, l-involvement fil-komunità jista' jitħeġġeġ u ħafna drabi jiżviluppa matul il-ħajja tax-xogħol tal-individwu. Il-parteċipazzjoni fil-volontarjat aktar tard fil-ħajja hija aktar probabbli li ssefħ jekk in-nies ikollhom esperjenza fis-snin preċedenti, għalhekk għandu jibqa' jsir tiftix għal opportunitajiet li jmexxu 'l quddiem il-volontarjat b'mod aktar sistematiku matul is-snin tax-xogħol.

Hemm il-ħtieġa ta' strateġiji maħsuba għal-livelli kollha biex jistabbilixxu qafas xieraq għall-inklużjoni sinifikanti ta' persuni anzjani fil-volontarjat. Dan għandu jinkludi n-netwerking tal-partijiet interessanti rilevanti fuq livelli varji biex jiżguraw l-iskambju tal-esperjenzi u tal-informazzjoni. F'dan il-kuntest, kif ukoll fir-rigward tal-appoġġ ġenerali ta' inizjattivi u organizzazzjonijiet fuq il-livell lokali, l-awtoritajiet lokali għandhom importanza speċjali.

Jidher li l-programmi ta' promozzjoni nazzjonali u l-leġiżlazzjoni ta' appoġġ huma utli u jistgħu jstimulaw l-azzjoni. Madankollu, mingħajr is-sostenn lokali dirett, l-aktar permezz tal-awtoritajiet lokali, dawn ma jkunux effikaċi. It-taħlita ta' strateġiji hija l-aktar effikaċi, kemm fir-rigward tal-istrumenti (iffinanzjar, infrastruttura, appoġġ mill-professjonisti) u kemm mil-lat ta' programmi. Madankollu, jenħtieġu standards u miżuri ta' appoġġ ċari, b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' inizjattivi li għandhom fil-mira l-gruppi li huma soċjalment esklużi. Fuq kollox, kultura ta' rikonoxximent tal-valur tal-volontarjat minn persuni anzjani hija essenzjali fuq il-livell lokali, nazzjonali u tal-UE.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport, *Il-Volontarjat minn persuni anzjani fl-UE*, jista' jtniżzeġ minn <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1134.htm>

Teresa Renehan, Uffiċjal tal-Infommazzjoni dwar ir-Riċerka, ter@eurofound.europa.eu